# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta tallum il-Hamis, 9 ta' Marzu 2017**

**Kawza Numru : 7**
**Rikors Guramentat Numru : 120/2017/LSO**

**Mary Catania (KI 304147M)**

**vs**

**Lawrence Catania and Jennifer Catania**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Mary Catania (KI 304147M) datat 9 ta' Frar 2017 fejn esponiet: -

Illi l-esponenti ghandha b'titolu ta' kera l-fond Block 1, Flat 5, Triq il-Mithna, Bini tal-Gvern, Zebbug wara li zewgha Francis Catania, minn liema hija separata *de facto*, irrinunzja ghad-dritt tieghu fuq dan il-flatt (ara Doks MC (i) u MC (ii) annessi);

Illi l-intimati huma iben l-esponenti u martu;

Illi fis-sena 2007, l-intimat talab lill-esponenti biex flimkien ma martu u t-tliet uliedu, hu jmur jghix mal-esponenti;

Illi ghalkemm kontra qalba, l-esponenti kienet ikkoncediet din it-talba b'mera tolleranza;

Illi madanakollu, l-intimati abbuzivament dahlu fi l-fond in kwistjoni u kontra r-rieda taghha remewla l-affarijiet u l-ghamara kollha tad-dar biex jissostwixxuhom b'dawk li joghgbu lilhom. Illi ghalhekk l-esponenti giet kostretta li thallas parti minn din l-ghamara lill-intimati;

Illi in oltre, l-intimati jabbuzaw lill-esponenti, tant li l-esponenti hija kostretta li tohrog minn dahra kmieni filghodu u ma tirritornax qabel certu hin bil-lejl. Illi kien hemm zmien fejn l-esponenti, li illum il-gurnata ghandha eta` avvanzata, kienet kostretta toqghod bilwieqfa tistenna lill-intimata tlesti mill-hasil tad-dar, *stante* li din tal-ahhar ghandha fissazzjoni qawwija u ghalhekk ma kellix il-liberta` li tmur fejn trid gewwa darha. Illi l-esponenti hija wkoll kostretta thabbat biex tidhol go darha stess peress li ma ghandhiex il-liberta` tiftah il-bieb (ara affidavit mahluf tal-esponenti anness u mmarkat bhala Dok MC 1);

Illi ghalhekk l-esponenti spiccat priguniera gewwa darha stess tant li ma thosshiex komda tuza l-facilitajiet disponibbli filwaqt li hija mwerwra minn dak li jistghu jaghmlula l-intimati;

Illi l-verzjoni tal-attrici hija kkorroborata mill-haddiema socjali, mit-tifel tal-esponenti Chris Catania flimkien mal-mara tieghu (ara l-affidavits mahlufin taghhom annessi u mmarkati bhala Dok MC 2 - 5 rispettivament);

Illi l-esponenti rrapurtat dan l-abbuz diversi drabi, u prezentament hemm proceduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Gudikatura Kriminali) fejn l-intimata tinsab akkuzata li ingurjat, heddet, tat fastidju u kkawzat biza lill-istess esponenti (ara tliet rapporti annessi u mmarkati bhala Dok MC 6 - 8, rispettivament);

Illi l-esponenti qieghda prezentament thallas lill-intimati bhala kontribuzzjoni ghall-ghixien, inluz il-kera tal-fond u spejjez ohra relatati mad-dar, l-ammont ta' mitejn ewro (€200) fix-xahar, liema somma tammonta ghall-kwazi nofs il-pensjoni taghha;

Illi madanakollu l-kera tal-fond hija ta' tlieta u erbghin ewro punt sebgha u sittin centezmu (€43.67) kull tliet xhur, liema kera l-esponenti ricentament irrealizzat li mhux qed tigi mhallas. Illi fil-fatt hemm arretrati ta' kera ta’ ‘l fuq minn sitt mitt ewro (€600) (ara Dok MC 9 anness);

Illi l-istess qed jigri fir-rigward tal-kontijiet tad-dawl u tal-ilma, fejn l-esponenti ricentament giet a konoxxenza li hemm arretrati ta’ ‘l fuq minn tliet elef ewro (€3,000), liema kontijiet ghadhom jghajtu lil zewgha (ara Dok MC10 anness);

Illi minkejja kull interpellazjoni kontra l-intimati sabiex huma jivvakaw l-fond in kwistjoni, l-intimati baqghu inadempjenti (ara Doks MC 11 annessi);

Illi fil-fehma tar-rikorrenti, l-intimati ma ghandhom ebda eccezjoni x'jaghtu sabiex jilqghu ghat-talbiet attrici u ghalhekk jezistu l-elementi kollha mehtiega skont l-artikolu 167 *et seq* tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bid-dispensa tas-smigh u skont proceduri specjali sommarji;

Illi l-attrici taf personalment il-fatti hawn dikjarati;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, jghidu l-intimati ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tiddecieda l-kawza bid-dispensa tas-smigh *a tenur* tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara li l-konvenut qeghdin jokkupaw il-fond 'Block 1, Flat 5, Triq il-Mithna, Bini tal-Gvern, Zebbug' b'mod abbuziv u illegali u minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

3. Konsegwentament tikkundanna lill-intimati sabiex fi zmien qasir u perentorju li ghandu jigi lilhom prefiss minn din il-Qorti, jizgombraw mill-fond 'Block 1, Flat 5, Triq il-Mithna, Bini tal-Gvern, Zebbug', filwaqt li jikkonsenjaw kwalunkwe cavetta fil-pussess taghhom'.

Bl-ispejjez kollha u b'riserva ta' kull azzjoni ohra spettanti lir-rikorrenti, inkluz azzjoni ghad-danni ghall-okkupazzjoni bla titolu, kontra l-intimat, ingunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tad-9 ta' Marzu 2017 fid-9:30a.m. b' ordni lill-initmati biex jidhru f' dik il-gurnata u jwiegbu ghat-talba tar-rikorrenti u fin-nuqqas, il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi minnufih ir-rikors billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Marzu 2017 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Luciano Busuttil ghall-konvenuti prezenti. Dehret l-attrici assistita minn Dr Lara Dimitrijevic. Dr Luciano Busutill ghall-konvenuti ghamel referenza ghall-premessi li bihom giet intavolata din il-Giljottina u rrespinga u cahad bil-qawwa kollha bhala nfondati fil-fatt, fid-dritt u fil-mertu kull allegazzjoni li saret mir-rikorrenti kontra l-intimati meta allegat xi tip jew forma ta' abbuz jew mohqrija fil-konfront taghha. B'referenza ghal mandat kawtelatorju intavolat mir-rikorrenti f'dawn l-atti fuq l-oggetti li hemm fil-fond *de quo* u liema oggetti l-intimati qed jghidu li huma taghhom gie rilevat li minhabba dawn iz-zewg cirkostanzi, l-konvenuti talbu sabiex ikunu jistghu iresqu l-eccezzjonijiet u l-kontro-talba *ad hoc*.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Ikkonsidrat li ma gewx sollevati ragunijiet bizzejjed biex il-konvenuti juru lill-Qorti, imqar fuq bazi *prima facie*, li ghandhom dritt li jissollevaw kontra t-talbiet attrici, liema talbiet huma bbazati fuq nuqqas ta' titolu taghhom;

U billi ma giex allegat li ghandhom titolu biex ikomplu jirrisjedu fid-dar;

Jigi precizat, izda, li l-allegazzjonijiet ta' mohqrija u abbuz min-naha l-wahda, u dwar ameljoramenti u spejjez inkorsi fil-fond min-naha l-ohra, mhumiex parti minn dan il-gudikat li huwa ppernjat fuq il-konsiderazzjoni tat-talba ghall-izgumbrament fuq bazi ta' nuqqas ta' titlu tal-intimati.

## III. KONKLUZJONI

Ghaldaqstant din il-Qorti wara li semghet it-trattazzjoni tal-partijiet, ser tilqa' t-talba bid-dispensa tas-smigh skont l-Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap 12, tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement:

**Tordna** lill-intimati sabiex fi zmien perentorju ta' xahrejn millum jivvakaw mill-fond imsemmi filwaqt li jikkonsenjaw kwalunkwe cavetta fil-pussess taghhom.

Jigi riservat lill-kontendenti d-dritt ta' azzjoni ulterjuri rigward l-allegat abbus, u rigward il-mobbli u rimbors ghall-ammeljoramenti skont il-ligi.

L-ispejjez jigu sopportati mill-intimati.

**Deciza.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**9 ta' Marzu 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**9 ta' Marzu 2017**